## QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XXVI (G)**
**Illum it-Tlieta, 6 ta' Marzu, 2001**

**Appell Nru 258/2000 (G)**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Bigeni**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Bigeni talli fix-xahar ta' Gunju 2000 u Lulju 2000 naqas li jaghti lil martu Rose Camilleri is-somma ta' sebghin lira (Lm70) fix-xahar iffissata mill-Qorti bhala manteniment ghaliha jew ghal uliedha fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni kellu jhallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-15 ta' Novembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Carmel Bigeni hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu hamest (5) ijiem detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell tal-istess Carmel Bigeni, minnu ppresentat fl-20 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza n-nota ta' sottomissjonijiet (taht il-firma tal-Avukat Dott. Peter Fenech) tal-5 ta' Jannar, 2001 (a fol. 26 u 27 tal-atti), il-fedina penali tal-appellant, il-fedina penali ta' martu u l-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Jannar, 2001; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant, fir-rikors tieghu, ma jikkontestax il-fatt li hu naqas milli jaghti lil martu s-sebghin lira ghax-xhur indikati fl-imputazzjoni; jghid, pero`, li dana huwa ghamlu biss meta ma kienx fadallu triq ohra wara li martu ripetutament cahditu mill-access ghal ibnu minuri Johnny bi ksur tad-digriet tal-Qorti li kien jirregola tali access. Hu jikkontendi, in fatti, li hu naqas milli

hekk ihallas lil martu "biss f'dawk ix-xhur meta ma nghatax access ghal ibnu kif ordnat mill-Qorti". Jilmenta wkoll l-appellant li l-ewwel qorti ma kkunsidratx l-istat mentali tieghu u l-esasperazzjoni li nhakem minnha meta martu sfidat id-digrieti tal-Qorti rigward access ghal ibnu, b'detriment ghall-interessi tal-istess tifel li jara liz-zewg genituri. Jidher ghalhekk li dana l-appell huwa, in realta` appell dwar il-piena, u mhux ukoll appell dwar il-meritu ossia dwar is-sejbien ta' htija. Effettivament fl-udjenza tal-5 ta' Jannar, 2001 id-difensur ta' l-appellant, Dott. Kevin Monpalao, iddikjara ghal kull buon fini li l-appell hu limitat ghall-piena.

Issa, kif din il-Qorti kellha okkazzjoni li tirrimarka f'diversi appelli simili, ir-reat kontemplat fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali huwa reat kontra <u>l-ordni pubbliku</u>, u mhux reat kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta`. Min jikkommetti dana r-reat ikun qed jisfida mhux lill-parti l-ohra fiz-zwieg, izda lill-istess Qorti li tkun ghamlet l-ordni ghall-hlas tal-manteniment. Ma jaghmilx sens, ghalhekk, li wiehed jghid li naqas milli jottempera ruhhu ma' l-ordni tal-Qorti ghax il-parti l-ohra – il-mara f'dan il-kaz – ma ottemperatx ruhha mal-ordni dwar l-access: bhallikieku sfida lill-awtorita` tal-Qorti da parti tal-mara tista` b'xi mod tiggustifika jew tiskuza sfida ohra lill-awtorita` tal-Qorti da parti tar-ragel! Anke jekk il-mara f'dan il-kaz naqset milli tottempera ruhha mal-ordni tal-Qorti dwar l-access l-appellant kellu rimedji civili, u seta' anke talab lill-pulizija sabiex jipprocedu kriminalment kontra martu taht l-Artkolu 338(ll) tal-imsemmi Kodici. Effettivament mill-fedina penali ta' mart l-appellant (Rose Camilleri) jirrisulta li fi tmien okkazzjonijiet ossia dati differenti hija naqset milli taghti access ghat-tifel taghhom lill-appellant. Hija giet misjuba hatja b'zewg sentenzi separati (datati 22 ta' Novembru, 2000) u giet ikkundannata hmistax-il lira ammenda permezz ta' kull wahda minn dawn is-sentenzi. L-appellant jikkontendi li ma huwiex gust li martu tehel ammenda u hu, ghar-ritaljazzjoni tieghu, jintbaght il-habs. Tali paraguni din il-Qorti tarahom odjuzi hafna. Inoltre tosserva li filwaqt li l-okkazzjonijiet meta mart l-appellant ma ottemperatx ruhha mad-digriet dwar l-access kienu (skond il-fedina penali taghha) darbtejn fix-xahar ta' Marzu, 2000, darba fix-xahar ta' April, 2000 u hames darbiet fix-xahar ta' Gunju, 2000, mill-fedina penali ta' l-appellant jirrisulta li hu ghandu kundanni talli ma hallasx il-manteniment li jirrisalu ghal Awissu u Settembru ta' l-1993. Apparti is-sentenza in dizamina (tal-15 ta' Novembru, 2000) u sentenza ohra (ukoll datata 15 ta' Novembru, 2000) li tifforma l-meritu ta' l-appell numru 259/2000, l-appellant gie kkundannat f'erba okkazzjonijiet ohra li naqas milli jhallas il-manteniment ordnat mill-qorti kompetenti. Fi tnejn minn dawn l-okkazzjonijiet inghata "conditional discharge" u fit-tnejn l-ohra gie kkundannat ihallas ammenda. Evidentement l-appellant il-lezzjoni ma tghallimhiex.

Il-Qorti semghet ukoll id-deposizzjoni ta' mart l-appellant moghtija llum, pero` din id-deposizzjoni ma tbiddel xejn minn dak li nghad hawn aktar 'l fuq. Pjuttost il-Qorti tara li ghalkemm l-appellant inghata zmien biex juri d-disposizzjoni tajba tieghu u jhallas l-arretrati <u>kollha</u> ta' manteniment minnu dovuti, dan baqa' ma ghamlux.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tvarja l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur